MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 54/2003

**Mario Scerri**
**vs**

**Dennis Desira u b'digriet tas-6 ta' Frar, 2003, it-Tribunal jordna l-kjamat in kawza ta' Micallef Insurance Agency Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta' Jannar, 2003, fejn intalab il-hlas ta' erba' mija u tmien liri Maltin u erba' centezmi (Lm408.04), dovuti kwantu ghas-somma ta' erba' mija u hames liri Maltin u erba' centezmi (Lm405.04) rapprezentanti hsarat ikkagunati mill-konvenut fil-vettura tal-attur Hyundai Accent numru XIZ-737 waqt incident awtomobilistiku f'Hal Luqa fl-4 ta' Marzu, 2001, fejn il-konvenut kien unikament responsabbli stante traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, u kwantu ghas-**

**somma ta’ tlett liri (Lm3.00) rapprezentanti spiza ta’ skizz ;**
**Bl-ispejjez u bl-imghax sad-data tal-hlas effettiv, u bil-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fit-30 ta’ Jannar, 2003 fejn intqal :**
**Illi l-konvenut m’huwiex responsabbli ghall-incident in kwistjoni ;**
**Illi b’sinjal ta’ rieda tajba u sabiex ma joqghodx jidhol fi qrati l-attur kien ghamel claim ma’ l-Insurance tieghu Micallef Insurance Agency Ltd., li baghtet ic-cheques tal-hlas lill-attur li naqas isarrafhom ghal xi xhur shah u fil-frattemp l-Insurance tal-konvenut ma baqghetx tonora claims;**
**Bl-ispejjez kontra l-attur.**

**Ra illi b’digriet tas-6 ta’ Frar, 2003, fuq talba tal-konvenut it-Tribunal kien ordna li tigi kjamata in kawza Micallef Insurance Agency Limited.**
**Ra illi sussegwentement peress li ma sar ebda tentativ sabiex tigi notifikata l-kjamata in kawza, it-Tribunal b’digriet tat-13 ta’ Mejju, 2003, irrevoka contrario imperio d-digriet tal-kjamata in kawza moghti fis-6 ta’ Frar, 2003.**
**Ra illi fuq talba tal-konvenut, it-Tribunal b’digriet tat-3 ta’ Gunju, 2003, irrevoka d-digriet tat-13 ta’ Mejju, 2003, u rega’ ordna l-kjamata in kawza tal-kumpanija Micallef Insurance Agency Limited, b’intendiment car illi jekk il-konvenut ma kienx ser jiehu shieb in-notifika tal-istess it-Tribunal kien ser jipprovdi ulterjorment.**
**Illi b’digriet tal-10 ta’ Lulju, 2003, peress illi l-konvenut baqa’ ma hallasx in-notifika tal-kjamat in kawza, it-Tribunal irrevoka id-digriet tat-3 ta’ Gunju, 2003 fuq imsemmi.**

**Semgha x-xhieda ta’ Mario Scerri, Clive Mifsud, Dennis Desira, Marisa Desira, PS544 Raphael Schembri.**

**Ikkunsidra :**

**1. Dan il-kaz jirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh fl-4 ta' Marzu, 2001, ghall-habta tas-2.10pm fl-inkrocju bejn Triq il-Kunsill tal-Ewropa u Triq l-Avjazzjoni. L-incident sehh bejn il-vettura XIZ-737 ta' l-attur u l-vettura IAF-412 misjuqa mill-konvenut.**

**2. Bhala dinamika ta' l-incident, jirrizulta illi waqt li l-attur kien gej mid-direzzjoni ta' Hal Luqa sejjer fid-direzzjoni ta' l-ajruport, il-vettura tal-konvenut, li kienet gejja mid-direzzjoni ta' Santa Lucija, harget minn fuq « give way sign » u laqtet lill-attur fuq wara. Bid-daqqa l-attur tilef il-kontroll tal-vettura, qasam ic-centre strip, u spicca fuq in-naha l-ohra tat-triq, kif muri fl-isketch Dok.RS2.**

**3. Ghalkemm il-konvenut jghid li kien l-attur li laqat mieghu, tali versjoni ma hix kredibbli. Fil-fatt jirrizulta li l-attur kien hareg tista tghid kompletament minn fuq s-« stop sign ». Li kieku wiehed jaccetta dak li qed jghid il-konvenut, id-daqqa tal-attur ma kienetx tkun fuq wara, fuq il-genb ta' wara n-naha tax-xellug u fuq il-bumper. Jidher illi l-konvenut kien baqa' hiereg u bil-ponta tal-lemin ta' quddiem tal-vettura tieghu laqat lill-konvenut fuq il-parti ta' wara.**

**4. L-obbligi tal-konvenut kienu cari, specjalment in vista tal-fatt li kien hiereg minn fuq « give way sign ». Dan kellu obbligu li jieqaf u li jaccerta ruhhu li jista' johrog minghajr ma jkun ta' perikolu ghat-traffiku li jkun gej. Il-konvenut ma uzax id-debita diligenza meta ra lill-attur gej u baqa' hiereg minn fuq il-"give way sign". Ghalhekk ma hemmx dubbju li ghall-kollizjoni kien jahti unikament il-konvenut.**

**5. F'dan il-kaz qamet kwistjoni dwar li l-assikurazzjoni kienet ghamlet tajjeb ghad-danni u hallset b'cekk li ma giex onorat. Fil-fehma tat-Tribunal dik hi kwistjoni separata minn dan il-kaz, li trid se mai tigi risolta bejn il-konvenut u l-assikurazzjoni tieghu.**

**6. Bhala danni dawn gew ippruvati fl-ammont mitlub, sija mis-survey, Dok.B, u mir-ricevuti esebiti Dok.A1 sa Dok.A6. u kif konfermat minn Clive Mifsud ghal Auto Repairs & Service Ltd..**

**Ghaldaqstant peress illi ghall-incident in kwistjoni kien jahti unikament il-konvenut, it-Tribunal qed jilqa'**

**t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' erba' mija u tmien liri Maltin u erba' centezmi (Lm408.04) bl-imghax legali dekoribbli mil-lum, salv u impregudikat kull dritt li jista' jkollu l-konvenut kontra terzi.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------